# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/533/PESK

**tat-28 ta' Ottubru 2013**

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK dwar il-missjoni tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, l-Artikolu 42(4) u l-Artikolu 43(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Lulju 2012, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/392/PESK ([1]) li tiskadi fil-15 ta' Lulju 2014.

(2) L-ammont ta' referenza finanzjarja attwali jkopri l-perijodu sal-31 ta' Ottubru 2013.

(3) Id-Deċiżjoni 2012/392/PESK għandha għalhekk tiġi emendata biex tipprovdi għall-ammont ta' referenza finanzjarja għall-perijodu li fadal sal-15 ta' Lulju 2014.

(4) Il-EUCAP Sahel Niger ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni 2012/392/PESK, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex ikopri n-nefqa relatata mal-EUCAP Sahel Niger għall-perijodu mis-16 ta' Lulju 2012 sal-31 ta' Ottubru 2013 għandu jkun EUR 8 700 000.

L-ammont ta' referenza finanzjarja biex ikopri l-ispiża relatata mal-EUCAP Sahel Niger għall-perijodu mill-1 ta' Novembru 2013 sal-15 ta' Lulju 2014 għandu jkun ta' EUR 6 500 000.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. LINKEVIČIUS

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/392/PESK tas-16 ta' Lulju 2012 dwar il-missjoni ta' PSDK tal-Unjoni Ewropea fin-Niġer (EUCAP Sahel Niger) (ĠU L 187, 17.7.2012, p. 48).